# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2025**

**Numru: 3**

**Rikors numru: 960/2016/1LM**

**John Azzopardi**

**v.**

**Nicodemu Frendo u Toom Malta Limited (C70041) u b'digriet tat-30 ta' Novembru, 2016, intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis* is-soċjetà Bonnici Insurance Agency Limited (C 8-614) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà tal-assigurazzjoni Mapfre Middlesea p.l.c.**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Ottubru, 2020 imressaq mill-attur John Azzopardi, li permezz tagħha, fost oħrajn, ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attur. L-

azzjoni mressqa hija dwar inċident li seħħ waqt li l-attur kien qiegħed xogħol u b'konsegwenza tal-istess jingħad li ġarrab diżabbiltà permanenti. L-attur talab dikjarazzjoni ta' responsabbiltà fil-konfront tal-konvenuti u l-konsegwenti likwidazzjoni ta' danni favurih.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-26 ta' Ottubru, 2016, l-attur fisser li nhar it-28 ta' Awwissu, 2015 seħħ inċident f'Manoel Island, ġewwa l-Gżira li fih huwa ndarab u ġarrab diżabbiltà permanenti. Jgħid li dakinhar, il-konvenut Nicodemu Frendo kien qiegħed iwettaq xogħlijiet fuq inkarigu tal-kumpanija konvenuta Toom Malta Limited. Ifisser li l-konvenut kien qiegħed isuq *forklifter* bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ-054 (liema *forklifter* huwa assigurat mal-kumpanija Mapfre Middlesea p.l.c.) filwaqt li huwa kien qiegħed iħott xi pjanċi tal-ħadid minn fuq l-istess *forklifter*.

3. Jissokta jgħid li l-inċident seħħ meta l-konvenut Nicodemu Frendo bi traskuraġni, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti qaleb il-frieket tal-*forklifter*, b'mod li dawn ġew angulati lejn l-art, bil-konsegwenza li l-pjanċi li kienu marbutin fuqu, iżżerżqu u waqgħu fuqu u għaffġuh mal-art.

4. L-attur ifisser li b'riżultat ta' dan l-inċident huwa ġarrab ġrieħi gravi nkluż fl-ispina ta' dahru u skont ċertifikat ta' Dr Thomas Azzopardi ġarrab 15% diżabbiltà permanenti.

5. Jgħid ukoll li l-kumpanija konvenuta inkarigat lill-konvenut sabiex iwettaq dawn ix-xogħlijiet u huwa għalhekk li tħarrket f'każ li jirriżulta responsabbiltà tagħha li toħroġ mill-ingaġġ tal-konvenut Frendo għall-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet li huwa naqas li jwettaq b'mod diliġenti u b'mod li juri li kellu l-ħila meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħhom.

6. L-attur jgħid li huwa sejjaħ ta' xejn lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, u għalhekk fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«(i) prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u opportuna, tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, kompletament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-28 ta' Awwissu, 2015 f'Manoel Island, Gżira waqt li r-rikorrent kien qiegħed iħott xi pjanċi tal-ħadid minn fuq forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni 'IQZ-054' li kien misjuq mill-intimat Nicodemu Frendo fuq inkarigu tas-soċjetà intimata Toom Malta Limited;*
>
> *(ii) tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent okkorrendo bl-opera ta perit/i nominandi; u*
>
> *(iii) tikkundanna lill-intimati jew lil min minnhom biex iħallsu lir-rikorrent għad-danni kollha minnu sofferti kif jiġu hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Mejju, 2015 u bl-interess legali kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

7. Il-konvenut Nicodemu Frendo ressaq tweġiba maħlufa fil-21 ta' Novembru, 2016 u eċċepixxa hekk:

*«1. Illi huwa ma huwiex b'ebda mod responsabbli għall-inċident li seħħ fit-28 ta' Awwissu 2015 ġewwa Manoel Island, Gżira u dan stante li l-inċident inkwistjoni seħħ għax il-pjanċi tal-ħadid li kienu fuq il-forklifter, li ma kinux ġew marbuta tajjeb minn terzi, inħallu u waqgħu waqt li kien qiegħed jniżżel l-pjanċi dritti l-isfel, dan għal kuntrarju ta' dak allegat mill-attur u ċjoé li huwa minflok qaleb il-frieket tal-istess vettura 'l barra u għalhekk ma kienx negliġenti.*

*2. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra ai termini tal-liġi.»*

8. Il-kumpanija konvenuta Toom Malta Limited ressqet tweġiba maħlufa fit-8 ta' Ġunju, 2017 u eċċepiet:

*«1. Illi preliminarjament l-attur għandu jipprova li hu kellu u għad għandu l-interess ġuridiku meħtieġ skont il-liġi fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti Toom Malta Limited (C 70041), wara kollox liema soċjetà esponenti ġiet magħżula mill-attur stess bħala kontradittur tad-domandi tiegħu;*

*2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjetà esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż stante illi, hekk kif ser jiġi ppruvat, la hi u lanqas l-impjegati tagħha ma wettqu l-allegati atti li wasslu għall-ġrieħi li l-attur qed jallega li huwa sofra, u dana hekk kif jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjetà esponenti mhijiex responsabbli għal kwalunkwe ġrieħi u/jew danni li seta' soffra l-attur;*

*4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*5. Subordinatament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-grad ta' diżabbiltà permanenti li allegatament sofra r-rikorrent tort tal-allegat inċident huwa kontestat u kwalunkwe każ żgur ma taħtix is-soċjetà esponenti jekk l-attur ġarrab xi tali diżabbiltà permanenti;*

*6. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, id-danni pretiżi mir-rikorrenti, inklużi dawk bażati fuq il-konklużjonijiet mediċi tar-rapport esibit mir-rikorrenti, huma kkontestati u f'kwalunkwe każ żgur ma taħtix is-soċjetà esponenti jekk l-attur ġarrab xi tali danni;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda.*

*Bl-ispejjeż.»*

9. Il-kumpanija Bonnici Insurance Agency Limited ressqet tweġiba maħlufa, wara li b'digriet tat-3 ta' Novembru, 2016 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tagħha sabiex tintervjeni fil-kawża, u eċċepiet:

> *«1. Illi l-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi jirrigwardaw inċident fuq il-post tax-xogħol illi seħħ nhar it-28 ta' Awwissu 2015, f'Manoel Island, il-Gżira, illi fih kien involut il-konvenut Nicodemu Frendo waqt illi dan kien qiegħed jopera il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ 054, illi kienet koperta b'Polza ta' Assigurazzjoni maħruġa mill-esponenti illi kopja tagħha hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala* ***Dok. MSI1****;*
>
> *2. Illi minn dak li ġie ddikjarat lill-esponenti, jirriżulta illi l-inċident de quo seħħ meta l-vettura assigurata kienet qiegħda tintuża mill-konvenut waqt ix-xogħol tiegħu meta huwa kien qiegħed ibaxxi xi pjanċi tal-ħadid fuq il-forklifter – liema pjanċi ma kinux marbuta sew, evidentement, minn terzi persuni injoti lill-esponenti;*
>
> *3. Illi dan ifisser illi l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta' arti u sengħa fil-mod kif ġew marbuta dawn il-pjanċi, u mhux bħala riżultat ta' xi negliġenza, imperizja, traskuraġni jew nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fl-użu tal-vettura assigurata, b'dan allura illi l-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-esponenti ma kinitx tkopri l-aġir dannuż illi kien il-causa causans ta' din is-sitwazzjoni;*
>
> *4. Illi kwindi s-soċjetà intervenuta ma tistax tiġi obbligata illi tagħmel tajjeb għad-danni reklamati mir-rikorrenti ai termini tal-Polza ta' Assigurazzjoni minnha maħruġa stante illi l-event dannuż mhux kopert bħala insured event;*
>
> *5. Illi inoltre, in linea sussidjarja u assolutament mingħajr preġudizzju għal fuq premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali allegati u reklamati minnu, u għandu jipprova n-ness kawżali bejn id-debilità minnu allegata u l-inċident de quo – u b'mod partikolari teħtieġ il-prova illi kwalunkwe debilità lamentata ma kinitx anteċedenti jew riżultat ta' xi ċirkostanzi oħra indipendenti mill-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, inkluż, iżda mhux limitatament kwalunkwe negliġenza da parti ta' terzi jew xi negliġenza kontributorja da parti tal-attur innifsu.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. B'sentenza mogħtija fil-21 ta' Ottubru, 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut; ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra tagħha; laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija assiguratriċi limitatament fejn dawn jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-konvenuti għall-inċident u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha; u fl-aħħar nett ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż jitħallsu mill-attur.

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

> «***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***
>
> *Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkunsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.*
>
> *Imma qabelxejn fir-rigward tal-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li hi mhijiex il-leġittimu kontradittur, il-Qorti tagħraf li l-attur sewwa ħarrek lilha wkoll f'dawn il-proċeduri. Tosserva li t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tolqot lill-konvenut, li skont kif irriżulta lill-Qorti aktar 'il fuq, kien inkarigat iħaddem il-forklifter inkwistjoni skont kuntratt ta' kiri li sar bejn l-istess soċjetà konvenuta u s-soċjetà Rangers Ltd li topera bl-isem Godwin's Garage.*
>
> *Mill-provi jirriżulta li fil-ġurnata tal-inċident fit-28 ta' Awwissu, 2015, l-attur kien impjegat mas-soċjetà Vella Group Ltd bħala foreman, fejn kien ilu jaħdem għal madwar ħamsa u għoxrin sena.*[1] *Dakinhar wara s-2.30 ta' waranofsinhar hekk kif kien spiċċa xogħol u kien qiegħed fil-bitħa minn fejn kienet topera dik is-soċjetà, mar l-imgħallem John Mary magħruf bħala Jimmy Vella fuq l-attur u fuq Mario Paul Ciantar, magħruf bħala Pawlu, impjegat ukoll mal-istess soċjetà iżda bħala mekkanik, u qalilhom sabiex iġorru żewġ pjanċi tal-ħadid għal Manoel Island. Staqsihom jekk kienx hemm bżonn forklifter, iżda huma wieġbu li kienu ser isibu wieħed minn fuq il-post. Huwa qalilhom sabiex isaqsu għal wieħed Alan meta jaslu hemm.*

[1] *Ara affidavit a fol. 23*

*Wara li għabbew il-pjanċi fuq vann, huma waslu Manoel Island bihom għall-ħabta tat-3.30 ta' waranofsinhar.[2] Sejħu għal forklifter u ġie b'wieħed ċertu Alan Muscat li dak iż-żmien kien jaħdem bħala assistant location manager mas-soċjetà konvenuta, fejn xogħlu kien jikkonsisti fl-issorveljar ta' dak li kien qed jiġri waqt l-operat tagħha f'Manoel Island.[3] Wara li għenuh jagħtih id-diesel, qalilhom li setgħu jibdew jaħdmu bih.[4] Dan il-forklifter fil-fatt kienet krietu s-soċjetà konvenuta mingħand is-soċjetà Ranger Limited li topera fil-qasam ta' kiri ta' vetturi u inġenji taħt l-isem Godwin's Garage.[5] Il-kiri tal-forklifter kien sar bil-patt li dan ikollu sewwieq miegħu, li kien proprju l-konvenut.[6]*

*Pawlu aċċetta l-offerta ta' Alan li jħaddem il-forklifter inkwistjoni, peress li kellu l-esperjenza fis-sewqan tiegħu[7] u tela' jsuqu u saqu għal ħdejn il-vettura tagħhom. L-attur rabat pjanċa[8] permezz ta' ċinga tad-drapp billi għaddieha minn toqba lejn in-nofs tal-wisgħa tagħha xi tliet pulzieri 'l isfel mix-xifer. Imbagħad rabat il-pjanċa mal-furketta tal-lemin tal-forklifter u sabiex iċ-ċinga tkun aktar sigura u ma tiżloqx, baramha mal-furketta wkoll.[9]*

*Imbagħad Pawlu saq il-forklifter għal xi tletin pied lejn il-pont li jagħti għad-dħul tal-forti, filwaqt li l-attur żamm il-pjanċa sabiex din ma ddurx.[10] Kif waslu, Pawlu niżel minn fuq il-forklifter u flimkien mal-attur dawru l-pjanċa[11] u bdew jaraw kif ser iqiegħdu l-pjanċa[12], għalkemm l-attur bħala foreman kellu l-aħħar kelma.[13] Iżda kif Pawlu dar biex jitla' fuq il-forklifter, huma raw lill-konvenut riekeb fih. Pawlu staqsieh jekk kienx hu li kien ser jaħdem bih u l-konvenut wieġeb li kien hu li s-soltu jaħdem bih.[14] Pawlu qallu li kollox kien sew u aċċetta li jsuqu il-konvenut.[15] Sadanittant Alan kien baqa' fil-viċinanzi.*

*Pawlu u l-attur lestew ruħhom sabiex ikunu jistgħu jidderiġu l-pjanċa. L-attur xehed ukoll li huwa kien qed iħares 'l isfel lejn fejn kienet ser tiġi l-pjanċa[16], u xi ħadd minnhom qal lill-konvenut sabiex iniżżel[17]u b'hekk il-pjanċa tmiss mal-art u tkompli nieżla ċatta fl-art.[18] Skont l-attur u sieħbu Pawlu[19], il-konvenut minflok qaleb il-frieket 'il quddiem, sabiex b'hekk iċ-*

---

[2] *Ibid. a fol. 20*
[3] *Xhieda seduta 16.01.19 a fol. 168 u dikjarazzjoni ġuramentata a fol. 171*
[4] *Ibid u dikjarazzjoni ġuramentata a fol. 171*
[5] *Affidavit Godwin Mifsud a fol. 136*
[6] *Xhieda 21.10.19 a fol. 314*
[7] *Xhieda seduta 07.07.17 a fol. 48*
[8] *Xhieda seduta 15.11.19 a fol. 326*
[9] *Ibid.*
[10] *Ibid. a fol. 21 u xhieda Pawlu in kontro-eżami seduta 12.02.20 a fol. 383.*
[11] *Xhieda seduta 07.07.17 a fol. 51.*
[12] *Ibid.*
[13] *Xhieda 15.11.19 a fol. 329*
[14] *Ibid.*
[15] *Ibid*
[16] *Ibid. a fol. 332.*
[17] *Xhieda 15.11.19 a fol. 336.*
[18] *Ibid. a fol. 337.*
[19] *Xhieda seduta 07.07.17 a fol. 52 u 53.*

*ċinga żelqet u l-pjanċa niżlet għal isfel u ġiet għal fuq l-attur u remietu fl-art sabiex b'hekk spiċċa mgħaffeġ taħtha.*[20] *Il-konvenut min-naħa l-oħra jsostni li hu ma qalibx il-frieket iżda baxxihom.*[21]

*Minkejja il-verżjonijiet kunfliġġenti tal-attur u tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li l-fatti juru li r-responsabbiltà tal-inċident inkwistjoni bla dubju mhijiex dik tal-konvenuti. Tosserva li filwaqt li l-attur jinsisti li kienet l-azzjoni tal-konvenut li wasslet għall-akkadut meta dan qaleb il-frieket tal-forklifter mgħobbija bil-pjanċa minflok baxxihom, il-Qorti tgħid li kien proprju l-mod li bih intrabtet, anzi naqset milli tintrabat iċ-ċinga li kienet qiegħda żżomm il-pjanċa mal-frieket tal-forklifter, li wassal għall-inċident ikrah tal-attur. Kieku ċ-ċinga tagħha intrabtet sew, bl-ebda mod ma setgħet taqa' l-pjanċa, kemm jekk il-frieket inqalbu, kemm jekk tbaxxew.*

*Il-Qorti tgħid li ma tistax ma tqisx hawnhekk dak li qal il-konvenut, għaliex dan saħansitra ġie konfermat minn sieħeb u kollega tal-attur stess Mario Paul Ciantar meta in kontroeżami xehed li "Iva Johnny Azzopardi. Rabatli l-pjanċa hu ... Iċ-ċinga mhux daħħalha hekk, dawwarha żewġ dawriet imbagħad dik xħin tħoss il-piż iċ-ċinga iktar tissikka ...".*[22] *In kontroeżami l-konvenut spjega li ċ-ċinga kienet mdawwra mal-furketta biss, u dan lejn in-nofs tagħha.*[23] *Qal ukoll li l-frieket tal-forklifter ma kinux mit-twal iżda kienu mill-qosra, jiġifieri wisa' ta' pallet u dawn kienu merfugħin ftit 'il fuq.*[24] *Mario Paul Ciantar in kontroeżami kkonferma dan meta qal li l-frieket tal-forklifter kienu xi metru jew metru u nofs twal meta l-pjanċa skont dak li jgħid hu kienet kbira tmienja b'erba' piedi.*[25]

*Għalhekk il-Qorti tifhem u taċċetta l-verżjoni tal-konvenut kif seħħ l-inċident meta jgħid "... imma ċ-ċinga ma kinitx qiegħda dritta hekk mal-pjanċa, kienet qiegħda hekk allura xħin misset mal-art, illusinjat ruħha u ċ-ċinga ħarġet għax din molla kienet ... Kellha żewġ dawriet jew tlieta imma xħin il-pjanċa misset mal-art, peress li kienet iċ-ċinga kienet qiegħda hekk, mhux qiegħda dritta, għax kieku qiegħda dritta mhux ħa tinqala' ...".*[26] *U Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm għoqiedi, wieġeb "le xejn imdawra biss allura xħin misset mal-art iċ-ċinga illlusinjat ruħha u ċ-ċinga ħarġet minn ġol-furketta. Mhux għax qlibt ... Iċ-ċinga ma kinitx marbuta bl-għoqiedi, iċ-ċinga kienet qisha molla, kif misset il-pjanċa mal-art iċ-ċinga taret. Iċ-ċinga ma kinitx dritta mal-pjanċa ... l-furketta ma laħqitx biex iċ-ċinga tiġi dritta... il-pjan[ċ]a ma ħaditx daqqiet, il-pjanċa strieħet mal-art ...Niżżiltha bil-mod għax l-affarijiet ma tridx tniżżilhom bl-addoċċ, tniżżel bil-mod imma ċ-ċinga kif ħasset il-piż mhux fuqha ħarġet u flok il-pjanċa nqalbet lejn il-ħajt, kumbinazzjoni nqalbet lejn in-naħa ta' barra għax li kieku nqalbet lejn in-naħa tal-ħajt kienet tistrieħ mal-*

[20] *Ibid. u xhieda 15.11.19 a fol. 338*
[21] *Xhieda seduta 24.01.18 a fol. 113 u Ibid. a fol. 347*

[22] *Xhieda seduta 12.02.20 a fol. 376.*
[23] *Xhieda seduta 13.01.20 a fol. 354 u 355.*
[24] *Ibid.*
[25] *Xhieda seduta 12.01.20 a fol. 374 u 379.*
[26] *Xhieda seduta 15.11.19 a fol. 357.*

*ħajt...jien ippruvajt li l-frieket ma naqlibhomx biex hi tibqa' kemm kemm issussata".*[27] *Mistoqsi mill-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta kemm baxxa l-frieket jgħaġġel, spjega "dak jekk tagħtih il-gass, mhux ħa tbaxxi kemm trid, dak bil-piż tiegħu jitbaxxa. Jgħolli bil-pressa dak".*

*Min-naħa tiegħu l-attur fl-ebda ħin ma ċahad li ċ-ċinga ma kinitx marbuta bl-għoqiedi u li hu kien biss dawwarha mal-furketta. Il-Qorti tosserva wkoll li hu lanqas ressaq xi prova sabiex jirribatti dan il-fatt tant kruċjali għad-deċiżjoni tal-vertenza bejn il-kontendenti. Tosserva wkoll li l-metodi addotati mill-attur u l-kollega tiegħu Mario Paul Ciantar fuq ix-xogħol tagħhom ta' kuljum, għandhom ikunu ta' tħassib kemm għalihom kif ukoll għal min iħaddimhom u għal ma' min jaħdmu, għaliex mhumiex mingħajr periklu għas-saħħa u għas-sigurtà ta' kull min ikun fuq il-lant tax-xogħol. Jekk dawn il-metodi dejjem irnexxew fil-passat mingħajr konsegwenzi*[28]*, ma jfissirx li qatt ma kienu ta' periklu.*

*Tisħaq li l-attur u l-kollega tiegħu Mario Paul Ciantar ma kellhom qatt jaċċettaw jew jitolbu li jagħmlu użu ta' forklifter ta' terzi. Jekk żbalja l-assistant location manager Alan Muscat li kien lest li jgħaddih f'idejhom, meta dan kien konxju jew kellu jkun konxju tal-fatt li dak il-forklifter kellu s-sewwieq partikolari tiegħu, huma kellhom jgħarfu li ma kellhomx jagħmlu użu minn tali forklifter meta ma kienx proprjetà tal-kumpannija ma' min kienu jaħdmu jew li kellhom l-istruzzjonijiet mingħandha sabiex jagħmlu użu minnu. Dan għarfu sew l-attur meta xehed "imma jekk il-lifter mhuwiex tagħna, ma nistgħux. Kieku kienet biċċa inġenji tal-imgħallem tiegħi, kieku le ma jitlagħliex fuqha". Mhux ċar madankollu lill-Qorti għaliex dan m'għarfux mill-ewwel qabel ma użawh biex iġorru l-pjanċa. Hekk ukoll l-konvenut meta mistoqsi in kontroeżami mis-soċjetà konvenuta għaliex mar mess il-forklifter u ma ħalliex f'idejn l-attur u sieħbu jekk ma kienx jaf biċ-ċert kif il-pjanċa kienet intrabtet, wieġeb "... jekk inti tibgħatni bil-forklifter u tgħidli int trid issuqu allura jiena u jekk tweġġa' inti bil-forklifter? Tgħidli min tahulek il-forklifter? Mhux jien neħel. ...Il-forklifter mhux jien tajtu lil dawn."*[29] *Il-prinċipju legali ta' responsabbiltà hawn sab ruħha affermat fil-prassi ta' kuljum kemm tal-attur, kif ukoll tal-konvenut.*

*Imbagħad jirriżulta minn dak li ngħad hawn aktar 'il fuq u skont dak li xehdu l-attur u Mario Paul Ciantar stess, li l-pjanċa ma ntrabtietx mal-forklifter b'tali mod li dan seta' jimxi biha mingħajr l-għajnuna ta' persuna miexja miegħu, kif għandu jkun għas-sigurtà ta' kulħadd. Din il-Qorti mhijiex konvinta wkoll mill-fatt li ċ-ċinga kienet angolata minħabba l-kobor tal-pjanċa, li saħansitra kienet messet man-naħa ta' wara tal-forklifter, jekk dan kienx mod sigur li bih wieħed iċaqlaq pjanċa tal-ħadid ta' dak il-kobor u ta' dak il-piż. Għal darb'oħra l-Qorti tesprimi d-dubji tagħha dwar il-mod kif kellha titqiegħed din il-pjanċa fl-art bl-għajnuna bl-idejn tal-attur u tal-kollega tiegħu Mario Paul Ciantar. Għaliex anki jekk*

---

[27] *Ibid. a fol. 358, 359, 364-367, 369.*
[28] *Ara xhieda attur seduta 15.11.19 a fol. 329*.
[29] *Ibid. A fol.367*

*jirriżulta li kellhom xi protezzjoni għal idejhom għall-eventwalità li dawn jinqabdu taħt il-pjanċa, ċertament ma jistax jingħad li huwa ta' serħan il-moħħ il-fatt li huma jibqgħu daqstant viċin.*

*Omissis*

*Dak kollu li ġie kkonstatat minn din il-Qorti, iwassalha sabiex tgħid li l-lant tax-xogħol tal-attur ma setax kien wieħed sigur, iżda mhux ħtija tal-konvenuti. Kien jinkombi fuq il-prinċipal tal-attur li jassigura li l-impjegati tiegħu mhux biss jingħataw ilbies protettiv u l-għodda addattata għax-xogħol tagħhom, iżda wkoll li jadottaw u li jżommu ma' mod sigur ta' kif jaħdmu.»*

12. Illi l-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tas-6 ta' Novembru, 2020 u permezz tiegħu ressaq erba' aggravji, ċjoè: (i) li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi meta kkonkludiet li l-metodu adottat mill-appellant fuq il-lant tax-xogħol ma kienx sigur; (ii) li l-Ewwel Qorti warrbet u ma ħaditx inkonsiderazzjoni tal-fatti u tax-xhieda mressqa minnu; (iii) li l-Ewwel Qorti straħet fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet li fil-verità mhux parti mill-proċess u bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala prova, bil-konsegwenza li s-sentenza appellata hija msejsa fuq ħsibijiet, allegazzjonijiet jew assunzjonijiet li mhux parti mill-proċess; u (iv) li l-Ewwel Qorti b'konsegwenza tal-fatt li warrbet dak li ngħad fl-aggravji ta' qabel, naqset milli tidħol fil-kwistjoni tad-danni.

13. Il-kumpanija intervenuta Bonnici Insurance Agency ressqet tweġiba fis-17 ta' Novembru, 2020 u tat ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

14. Il-konvenut Nicodemu Frendo ressaq it-tweġiba tiegħu nhar il-5 ta' Jannar, 2021 u ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

15. Il-kumpanija Toom Malta Limited ressqet ukoll it-tweġiba tagħha nhar it-18 ta' Marzu, 2021 fejn tenniet li l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud.

16. Permezz ta' nota tal-5 ta' Diċembru, 2024 l-attur ċeda l-kawża u konsegwentement l-appell tiegħu fil-konfront ta' Toom Malta Limited billi din ġiet stralċjata.

17. Inżammu bosta seduti u wara li fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2025 saru s-sottomissjonijiet bil-fomm, il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Illi l-ewwel tliet aggravji tal-attur huma marbutin ma' xulxin u għaldaqstant se jitqiesu flimkien.

19. Permezz tal-**ewwel aggravju**, l-attur jgħid li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi meta waslet għall-konklużjoni li l-metodu adottat minnu fuq il-lant tax-xogħol speċjalment fejn jirrigwarda l-irbiet tal-

pjanċi mhux wieħed sigur. Jgħid li huwa veru li x-xogħol inkwistjoni huwa wieħed manwali u jeħtieġ li wieħed joqgħod attent u kif għamel huwa libes ilbies protettiv, iżda l-metodu li ntuża huwa l-aktar wieħed sigur u effiċjenti. Jissokta jgħid li m'hemmx għalfejn għoqiedi biex ikun hemm irbit sigur għaliex l-irbit skont is-sengħa u l-arti kif rabat il-pjanċa huwa l-aktar sigur. Kemm hu hekk biex għabbew u ttrasportaw il-pjanċi l-istess metodu ntuża.

20. L-appellant jgħid li l-istess metodu u makkinarju jintuża fil-bitħa ta' Vella Group u kif ukoll l-istess metodu u makkinarju u ntuża biex titqiegħed it-tieni pjanċa, liema pjanċa niżluha bl-istess metodu mingħajr problemi Jimmy Vella u Mario Ciantar. Iżid ukoll li l-istess metodu u makkinarju għadu qiegħed jintuża fuq il-lant ta' xogħol simili bħal dak tal-kawża tal-lum u m'hemmx metodu aħjar. Infatti jargumenta li minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li ntuża l-metodu żbaljat naqset milli tgħid x'metodu kellu jintuża u dan għaliex skont l-appellant dan ma jeżistix.

21. Jissokta jgħid li l-Ewwel Qorti ma tatx biżżejjed piż lill-verżjoni tiegħu, ta' Mario Paul Ciantar, ta' Jimmy Vella u ta' xhieda okulari u kif ukoll ta' persuni bl-esperjenza vasta u snin twal fuq dan il-qasam tax-xogħol, li fissru fid-dettall kif kien l-irbit skont is-sengħa u l-arti u għalfejn il-pjanċa kienet sigura u li fissru kif il-manuvra żbaljata tal-konvenut Frendo kkawżat l-inċident meta qaleb il-frieket tal-*forklifter* 'l isfel. Iżid li x-

xhieda tal-konvenut Frendo kellha titwarrab għaliex li kieku kien minnu li huwa baxxa l-frieket u mhux qalibhom, il-pjanċa meta jittieħed inkonsiderazzjoni l-piż tagħha ma kinitx ittir, iżda kienet tibqa' ssussata u sigura u mhux tiżżerżaq. Barra minn hekk, hemm il-verżjoni tax-xhieda okulari Mario Ciantar u tiegħu li jixhdu mod ieħor. Jgħid li ladarba l-konvenut Frendo kien qiegħed isuq il-*forklifter* huwa għandu jinstab responsabbli għad-danni mġarrba minnu b'riħet l-**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**.

22. Permezz tat-**tieni aggravju**, l-appellant ukoll jerġa' jilmenta mill-fatt li skontu l-Ewwel Qorti warrbet il-fatti u xhieda mressqa minnu, partikolarment dik ta' Alan Muscat (*assistant location manager* impjegat mal-kumpanija Toom Malta Limited), meta għalkemm għarfet li Alan Muscat żbalja meta għadda l-*forklifter* lilu u lil Ciantar, iżda ma żammitx responsabbli lill-istess kumpanija, lanqas almenu f'parti mit-tort. Iżid jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu kont tal-fatt li l-istess *forklifter* u l-istess metodu ntuża biex titniżżel it-tieni pjanċa u dan bl-istess awtorizzazzjoni ta' Alan Muscat.

23. Imbagħad permezz tat-**tielet aggravju**, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet li fil-verità mhumiex parti mill-proċess u bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala prova f'għajnejn il-liġi, bil-konsegwenza li s-sentenza appellata hija msejsa (jekk mhux

sħiħa imma żgur parti minnha) fuq ħsibijiet, allegazzjonijiet jew assunzjonijiet li mhux parti mill-proċess. Isemmi bran tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet li, *«Staqsihom jekk kienx hemm forklifter, iżda huma wieġbu li kienu ser isibu wieħed minn fuq il-post. Huwa qalilhom sabiex isaqsu għal wieħed Alan meta jaslu hemm.»* L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata għaliex fl-ebda ħin il-kollega tiegħu u hu ma qalu li kienu se jsibu *forklifter* minn Fort Manoel, iżda huma ġew ordnati sabiex jużaw *forklifter* tal-post mill-imgħallem tagħhom Jimmy Vella. Skont l-appellant din hija konferma oħra kemm il-kumpanija Toom Malta Limited awtorizzat lilu u lill-kollega tiegħu jużaw il-*forklifter* tal-post.

24. Illi hija kemm fir-responsabbiltà, kif ukoll fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiżen il-provi li jittressqu quddiemha u mbagħad tislet il-konklużjonijiet tagħha minnhom, u dan għaliex wara kollox dak huwa x-xogħol tal-Qorti (ara ***Busy Bee Estates Limited v. Anthony Formosa et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023). Kien sewwasew dan li għamlet l-Ewwel Qorti, u dak li l-Korporazzjoni appellanti qiegħda tqis bħala «biss assunzjoni» hija fil-fatt inferenza li l-Ewwel Qorti kellha kull setgħa li tasal għaliha mill-provi li tressqu quddiemha (ara wkoll f'dan is-sens ***Group Captain John Sowrey nomine v. Gioconda Cutajar*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2005 u ***Peter Plant Limited v. Water Services Corporation*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju, 2024).

25. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-grad ta' prova mitlub fil-qasam ċivili huwa dak li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant u dan sal-grad tal-bilanċ ta' probabbiltajiet (ara ***Emanuel Cordina v. Paul Vella*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

26. Dak li jħoll u jorbot kollox mhuwiex għalhekk jekk il-ġudikant jemminx b'mod assolut l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilu, imma jekk huwa jqisx dawk l-istess spjegazzjonijiet bħala verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja ta' kuljum (ara ***Joseph Zammit v. Joseph Bonello*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015 u ***Cini (Tal-Mija) Ltd v. Dr Joseph Ellis LL.D.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Mejju, 2008).

27. Dan kollu jfisser, li jekk fl-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi l-ġudikant iħoss u jemmen li l-każ ikun x'aktarx ġara kif tkun qiegħda tgħid il-parti attriċi, mela allura dan għandu jkun biżżejjed sabiex jiddeċiedi favur dik il-parti. Din il-verżjoni ma tistax però tkun xi waħda mistħajla jew inkella sempliċement possibbli. Kemm hu hekk, ingħad li d-domanda li għandu jagħmel il-ġudikant waqt l-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi m'għandhiex tkun «jista' jkun li ġara hekk?» Iżda «x'aktarx u probabbilment hekk ġara?» (ara f'dan is-sens ***Raymond Falzon v. Alfred Agius*** deċiża mill-

Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar, 1991 u ***Carmen Azzopardi v. Adrian Muscat et***).

28. B'żieda ma' dan, kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, fil-kawżi ċivili, il-verżjonijiet kunfliġġenti m'għandhomx però jwasslu awtomatikament għat-tħaddim tal-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitur* jew inkella dak ta' *in dubio pro reo* (ara ***Stephen Tanti et v. Louis Scerri Montaldo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Ottubru, 2020). Mod ieħor, huwa miżmum li huwa sewwasew xogħol il-Qorti li tqis liema waħda fost il-verżjonijiet mogħtija lilha tkun l-aktar waħda li titwemmen u tista' toqgħod fuqha (ara ***Antoine Xerri et v. Bartolomeo sive Robbie Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April, 2024). Huwa għalhekk aċċettat li fl-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi, il-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex, mill-provi miġbura waqt is-smigħ tal-kawża, iqis liema minn dawk l-provi jkunu l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konvinċiment ħieles tiegħu (ara ***Joginder Singh Dhingsa v. Anthony Grech et*** deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023). Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab oħrajn, jew fi kliem ieħor isejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli fuq oħrajn. (***ara F (Advertising) Limited v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

29. Wieħed għandu wkoll jifhem li l-apprezzament tal-provi mhuwiex xi eżerċizzju matematiku fis-sens li l-Qorti għandha bilfors taċċetta verżjoni jew oħra, skont in-numru ta' xhieda li jsostnu ċertu verżjoni. Ix-xhieda ta' xhud wieħed, jekk emmnuta, tista' tkun biżżejjed sabiex il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha. Kemm hu hekk, ilu minn żmien twil jingħad li *«testes ponderantur non numerantur»*, li bil-Malti jfisser li x-xhieda għandhom jitwieżnu u mhux jingħaddu (ara ***Gaetano Micallef v. Martha Micallef*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar, 2019 u ***Anthony Pace v. Frances sive Franca Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017).

30. Miżmum dan kollu, mill-provi jirriżulta mhux kontestat li fit-28 ta' Awwissu, 2015 seħħ inċident f'Manoel Island ġewwa l-Gżira li fih l-attur weġġa' u b'konsegwenza ġarrab diżabbiltà permanenti. Dakinhar John Azzopardi kien impjegat mal-kumpanija Vella Group Limited, liema kumpanija mhix parti f'dawn il-proċeduri. Huwa kien ilu jaħdem mal-kumpanija madwar ħamsa u għoxrin sena u fid-data tal-inċident kien *foreman.*

31. Illi jirriżulta li l-imgħallem tal-attur, Jimmy Vella, qabbad lill-istess attur sabiex flimkien ma' Pawlu Ciantar (ħaddiem mal-istess kumpanija) iġorru żewġ pjanċi għal Manoel Island. Meta qegħdin insemmu pjanċi, dawn huma ta' toqol sostanzjali. Pawlu Ciantar jixhed li dawn il-pjanċi

kienu twal 8 piedi u wesgħin 4 piedi u ħoxnin pulzier. Dawn kienu intiżi sabiex jitpoġġew fuq pont. Il-pjanċi tgħabbew mill-bitħa minn fejn kienet topera l-kumpanija ta' dawn il-ħaddiema għal fuq vann u ntuża wkoll *forklifter*. Waslu Manoel Island għall-ħabta tat-3.30p.m u staqsew għal ċertu Alan Muscat (*assistant location manager* mal-kumpanija Toom Malta Limited). Dan tfaċċa b'*forklifter,* li wara li mlewh bid-*diesel*, seta' jintuża mill-attur u Pawlu Ciantar.

32. Il-*forklifter* kien mikri mill-kumpanija Toom Malta Limited mingħand kumpanija terza li topera taħt l-isem Godwin's Garage, bil-patt u kundizzjoni li dan jinsaq mill-konvenut Frendo. Ciantar aċċetta li jaħdem bil-*forklifter* għaliex xogħlu kien ta' mekkanik u kien ilu jsuq bħal dak il-*forklifter* skont dak li xehed. Ciantar jixhed li bl-għajnuna tal-attur refa' l-pjanċa għal fuq il-*forklifter*.

33. L-attur John Azzopardi fl-affidavit tiegħu fisser li huwa u Ciantar rabtu l-ewwel pjanċa b'ċinga u sabiex iċ-ċinga tkun aktar sigura, tawha wkoll barma mal-frieket tal-*forklifter*. Fil-kontroeżami (seduta tal-15 ta' Novembru, 2019) xehed li huwa għadda ċ-ċinga minn ġol-pjanċa u rabatha ma' furketta minnhom tal-*forklifter* billi taha barma u sieħbu Ciantar qaleb il-frieket lura lejh u qata' l-pjanċa 'l fuq sabiex din ġiet wieqfa.

34. Pawlu Ciantar xehed (seduta tas-7 ta' Lulju, 2017) li bl-għajnuna tal-attur refa' l-pjanċa. Fisser kif għal dan il-għan huwa kien jagħmel toqba f'nofs il-pjanċa u jgħaddi ċinga minn hemm, b'mod li din kienet tkun b'erbgħa. Imbagħad jidħol bil-furketta tal-*lifter*, liema furketta kienet tkun tħares 'il fuq sabiex iċ-ċinga ma toħroġx. Qal ukoll li ċ-ċinga kien idawwarha darbtejn mal-furketta. Fil-kontroeżami (seduta tat-12 ta' Frar, 2020) fisser li t-toqba li kellha l-pjanċa kienet tliet pulzieri 'l isfel min-naħa ta' fuq tagħha lejn in-nofs. Kien l-attur li rabat il-pjanċa u ċ-ċinga dawwarha żewġ dawriet ma' furketta waħda u mal-piż iċ-ċinga kienet se tissikka. Fisser li l-frieket kienu jiżżerżqu u b'hekk wieħed seta' jressaqhom 'il fejn ried. Jgħid li huwa tella' l-pjanċa 'l fuq bil-mod u din ġiet ċatta mal-*forklifter*, filwaqt li l-frieket kienu 'l fuq biċ-ċinga madwar tmien pulzieri 'l ġewwa.

35. Alan Muscat (seduta tas-16 ta' Jannar, 2019) ikkonferma d-dikjarazzjoni magħmula minnu (ara Dok AM1 f'paġna 171 tal-proċess) fejn fisser li l-impjegati ta' Vella Group Limited rabtu pjanċa tal-ħadid ma' waħda mill-frieket permezz ta' *american belt* sabiex din kienet qiegħda tiddendel b'mod vertikali.

36. Minn dawn il-provi jirriżulta bla ebda dubju li kien l-attur li rabat il-pjanċa. Hekk kif intrabtet il-pjanċa, Ciantar saq il-*forklifter* għal madwar tletin pied u waqaf ħdejn il-pont u niżel minn fuqu biex jgħin lill-attur

idawwar il-pjanċa biex tiġi angolata. Kien f'dak il-ħin li sabu lill-konvenut Frendo li qalilhom li huwa biss kellu jaħdem b'dak il-*forklifter*. Meta wasal il-mument biex il-pjanċa titpoġġa fl-art, l-attur qal lill-konvenut sabiex ibaxxi l-frieket.

37. Huwa hawn fejn insibu kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija mill-attur, mix-xhud Ciantar u mill-konvenut. L-attur u Ciantar jixhdu li hekk kif l-attur qal lill-konvenut sabiex ibaxxi l-frieket tal-*forklifter*, minflok dan qaleb il-frieket lejn l-art. B'konsegwenza ta' din il-mossa, jgħidu li l-furketta tniżżlet bis-saħħa u ġara li l-pjanċa rmiet lill-attur għal ġol-ħajt. Kien hemm kanna li laqtitu ġo dahru, filwaqt li l-pjanċa qabditu mill-irkoppa 'l isfel.

38. Il-konvenut jiċħad li qaleb il-frieket 'il quddiem iżda qal li kien baxxihom. Xehed li kif baxxa l-frieket qabżet iċ-ċinga. Stqarr li ma kienx ra kif kienet marbuta ċ-ċinga. Xehed (fil-kontroeżami fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2020) li l-pjanċa kienet wieqfa taħt u quddiem il-frieket u marbuta min-nofs fejn kien hemm toqba għal ma' furketta waħda tal-lemin. Jgħid li ċ-ċinga tad-drapp minflok dritta kienet imżerżqa u kienet imdawwra biss lejn in-nofs tal-furketta. Huwa ma messx l-angolatura tal-frieket u kien qabad l-ewwel *lever* mit-tlieta li kien hemm biex baxxa l-*forklifter.*

39. Alan Muscat kien ukoll preżenti waqt l-inċident fejn fost oħrajn xehed li kif il-pjanċa misset mal-art, iċ-ċinturin inħall u ħareġ mill-furketta

u l-pjanċa waqgħet fuq l-impjegat li kien bilwieqfa. Jimmy Vella, id-direttur u impjegat tal-kumpanija Vella Group Limited li magħha kien impjegat l-attur, xehed li wara li rċieva telefonata u ġie mgħarraf li kienet waqgħet pjanċa fuq impjegat tiegħu mar fuq il-post. Xehed li huwa sab il-*forklifter* bil-frieket 'l isfel xi erba' piedi u nofs jew ħamsa maqtugħin mill-art. Fisser li l-frieket dejjem għandhom jinqalbu lejn ix-xufier meta l-*forklifter* ikun qiegħed jintuża għall-ġarr. Ma ftakarx fejn kienet iċ-ċinga, iżda qal li mal-*forklifter* ma kinitx.

40. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti tqis li l-għarbiel li wettqet l-Ewwel Qorti tal-provi li tressqu kien wieħed tajjeb. Hawnhekk ma jistax ma jingħadx li fejn l-appellant fit-tielet aggravju tiegħu jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet li mhux parti mill-provi miġbura, din is-sottomissjoni assolutament hija waħda fiergħa u gratwita u ta' għajb għal min sostniha.

41. L-appellant jisħaq li la huwa u lanqas Ciantar ma qalu lil Jimmy Vella li kienu se jsibu *forklifter* minn Fort Manoel, iżda għall-kuntrarju ġew ordnati mill-istess Jimmy Vella sabiex jużaw *forklifter* tal-post u jkellmu lil Alan Muscat u b'hekk kienet il-kumpanija konvenuta li awtorizzathom jużaw il-*forklifter* tal-post.

42. Filwaqt li huwa minnu li l-attur fil-kontroeżami xehed li l-imgħallem tagħhom tahom dak l-ordni, l-istess Jimmy Vella xehed li huwa staqsa jekk kienx hemm bżonn li jibgħat *forklifte*r u t-tweġiba kienet li kien se jintuża *forklifter* mill-post. Mhux ċar jekk kienx qiegħed jirreferi għal min talbu l-pjanċi jew għall-impjegati tiegħu. Li huwa żgur huwa li Alan Muscat xehed li dawn marru mingħajr *forklifter*. L-appellant jgħid li Alan Muscat żbalja li tahom il-*forklifter.* Lil hemm mill-fatt li l-appellant ċeda l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tal-kumpanija Toom Malta Limited illum stralċjata, anke jekk dan ma messux għamel hekk, l-attur kellu l-għażla li ma jaċċettax ukoll. Fuq kollox ma rriżultax li dan il-*forklifter* (li kien mikri mingħand kumpanija terza) kellu xi difett jew ħsara. Għalhekk ftit għandha rilevanza din il-kwistjoni.

43. Illi relevanti huwa dak li tenniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Rizzo v. Keith Rizzo et*** maqtugħa fit-22 ta' Ottubru, 2024, ċjoè li:

> *«Dak li għamlet il-Qorti hu li għamlet id-deduzzjonijiet tagħha mill-fatti msemmija, kif ukoll ta' oħrajn, mhux fuq bażi ta' xi konsegwenza loġika formali neċessarja hekk kif esposta minn Aristotile biex isib il-verità assoluta, imma fuq bażi ta' probabbiltà, ta' kredibilità u ta' verosimiljanza. Qorti ta' kompetenza ċivili mhijiex tenuta tilħaq grad ogħla ta' prova mil-livell ta' probabbiltà. Lanqas in sede penali ma hemm il-ħtieġa ta' xi ċertezza assoluta għaliex il-livell meħtieġ huwa dak ta' lil hinn minn dubju raġonevoli. Dan huwa tip ta' raġunament prattiku, imħolli f'idejn l-Ewwel Qorti bħala arbitru sovran tal-fatti u li ma jistax jiġi ddisturbat sakemm ma jkunx wieħed tant inkongruwu li l-ebda Qorti ta' reviżjoni ma tkun tista' tasal għall-istess konklużjoni. Mhux biżżejjed għalhekk għall-appellant li sempliċiment jagħmel id-deduzzjonijiet li jogħġbu lilu u jistieden lil din il-Qorti biex tissostitwihom għal dawk magħmulin mill-Ewwel Qorti.»*

44. Din il-Qorti żżomm quddiem għajnejha dak li ntqal minnha fil-kawża ***Gaetano Sciberras v. Devlands Limited*** deċiża fis-16 ta' Jannar, 2025 fejn irreferiet għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Joseph Cordina v. Wastserv Malta Limited et*** maqtugħa fis-17 ta' Ottubru, 2024. Hemm ingħad ukoll li minkejja l-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, il-liġi ma teħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (ara l-**Artikolu 7(1) u (2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** li kien applikabbli fiż-żmien rilevanti). Hekk ukoll, il-ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tpoġġih f'riskju bla bżonn u jrid joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel.

45. Hekk ukoll, kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħħa, fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited***, mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2023, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà mhux biss fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, iżda wkoll meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tieghu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu

nnifsu fil-għajn tal-periklu, jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu (ara b'eżempju s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Maurice Fenech et proprio et nomine v. Jacksons Company Limited et*** u dik fl-ismijiet ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021).

46. Fuq it-tema ta' kontributorjetà, jekk id-danneġġat ikun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb, ikkontribwixxa jew ikkaġuna l-ħsara minnu mġarrba, hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi f'liema proporzjon id-danneġġat ikun ikkontribwixxa jew ikkaġuna l-ħsara li bata (**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili**). Dan il-prinċipju japplika mhux biss fil-qasam ta' ħtija akwiljana, iżda wkoll fil-qasam kuntrattwali. B'dan illi, in-nuqqas tad-danneġġat jista' jkun tant determinanti li jinterrompi r-rabta kawżali bejn in-nuqqas tat-terz u d-danni mġarrba mid-danneġġat. Rilevanti f'dan is-sens huwa dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Reuben Fenech et proprio et nomine v. Francis Montebello et***, u l-ġabra ta' ġurisprudenza li hemm saret referenza għaliha.

47. Fil-każ tal-lum ir-rabta tal-attur mal-konvenut u l-kumpanija konvenuta ma kinitx waħda kuntrattwali. Ma jistax ma jiġix rilevat li għar-raġunijiet tiegħu, l-attur ma ħarrikx lill-kumpanija li kienet timpjegah. Jingħad li filwaqt li m'hemmx dubju li l-attur weġġa' waqt li kien qiegħed

iwettaq xogħlu hekk kif ġie ordnat minn Jimmy Vella sabiex iġorr il-pjanċi u flimkien ma' Ciantar joħduhom fuq Manoel Island, huwa miżmum li ma hemm ebda forma ta' *strict liability* jew responsabbiltà oġġettiva li tpoġġi lil min iħaddem f'qagħda li jkollu ta' bilfors jagħmel tajjeb għall-korriment li jkun seħħ fuq il-post tax-xogħol. Fejn jidħlu inċidenti bħal dawn, meta persuna tkorri waqt il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq l-attur. Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan peress li l-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Roberta Cassar proprio et nomine v. Polidano Brothers Limited*** mogħtija fil-25 ta' April, 2024).

48. Minn dak li jirriżulta mill-provi wara li fliethom b'reqqa, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u tqis li l-kawża tal-inċident li seħħ kien il-mod kif intrabtet il-pjanċa u mhux xi azzjoni tal-konvenut Frendo. Jidher li l-irbit sar billi ttaqbet toqba fin-nofs tal-pjanċa, li mbagħad tqabbdet ma' furketta minnhom permezz ta' ċinga. Iċ-ċinga li kellha żżomm il-pjanċa mal-frieket tal-*forklifter* ma ntrabtitx b'mod tajjeb. Iċ-ċinga ma kinitx dritta mal-pjanċa u ntrabtet billi saru biss żewġ dawriet jew tlieta. Ma kienx hemm għoqiedi. Kien għalhekk li xħin il-pjanċa messet mal-art iċ-ċinga taret mill-ewwel għaliex setgħet tinħall faċilment.

49. Din il-Qorti tqis li l-konvenut li kellu esperjenza fuq *forklifter* u kien hu l-ħaddiem li kien fdat li jsuqu, aktar iva milli le, baxxa l-frieket bil-mod kif xehed huwa stess u mhux qaleb il-frieket 'l isfel kif allegat. Ma kinitx l-ewwel darba tiegħu li juża l-*forklifter*. Fuq ix-xaqliba l-oħra, anke l-attur kien bniedem ta' esperjenza u għalhekk kien mistenni minnu diliġenza ferm aħjar minn dik li wera.

50. Mhux hekk biss, ingħad ħafna li kienet l-azzjoni tal-konvenut Frendo li kkawżat l-inċident għaliex qaleb il-frieket 'l isfel u li saħansitra meta Jimmy Vella mar fuq il-post jgħid li sab il-*forklifte*r bil-frieket 'l isfel u oħroġ il-għaġeb ħadd ma ndenja ruħu jieħu imqar ritratt wieħed. Agħar minn hekk, ħadd ma ndenja ruħu jċempel lill-Pulizija Eżekuttiva biex titwettaq l-investigazzjoni meħtieġa. Hekk kif xehed, dak iż-żmien l-Ispettur Jonathan Ransley, kien biss l-attur li wara ħmistax li seħħ l-inċident mar jirrapporta huwa stess. Imma f'dak l-istadju għalkemm mill-okkorrenza esibita jirriżulta li ġew mitkellma n-nies involuti iżda l-investigazzjoni kienet limitata għaliex ħlief għal-lok fejn seħħ l-inċident, il-pjanċa u l-*forklifter* u ċ-ċinga li ntużat kienu naturalment mhux fl-istess punt meta ġara li ġara.

51. B'żieda ma' dan, barra mill-fatt li ntuża *forklifter* li ma kienx tal-kumpanija li magħha l-attur huwa ħaddiem, ma jistax ikun li l-attur ma rax

li kien hemm periklu meqjus it-toqol u l-kobor tal-pjanċa u li l-*forklifter* ried jinsaq biha marbuta. Barra minn hekk, jirriżulta li l-attur baqa' viċin ħafna l-istess *forklifter* waqt li dan kien qiegħed jinsaq. L-attur xehed li huwa u sieħbu bdew jidderiġu lil Frendo u huwa ppożizzjona ruħu lejn in-nofs u b'hekk kompla jpoġġi ruħu f'periklu. Jgħid li dejjem hekk ħadmu u qatt ma nqala' xejn. Dan mhux argument ta' siwi però. Ta' rilevanza dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar, 2024 fl-ismijiet ***George Borg v. Awtorità għat-Trasport f'Malta et:***

> *«L-iżball li għamlu però fil-fehma ta' din il-Qorti huwa illi una volta rriskontraw perikolu potenzjali ma waqfux minn dak li kienu qed jagħmlu u ma sejħux lill-foreman sabiex jinfurmawh b'dak li kienu rriskontraw u jitolbu direzzjoni dwar il-kumplament tal-ħidma tagħhom.*
>
> *Għalkemm huwa minnu li s-soċjetà konvenuta kellha l-oneru li tassigura li l-lant tax-xogħol ma kellux perikolu għall-ħaddiema, hekk ukoll il-ħaddiem għandu l-oneru illi jevita sitwazzjonijiet ta' perikolu prevedibbli. Una volta l-attur appellat u l-kollega tiegħu telgħu fuq il-merkanzija u perikolu sar parzjalment riskontrabbli, l-attur ma jistax jibqa' jitfa l-ħtija kollha għall-akkadut fuq il-konvenuti appellanti.*
>
> *Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir. Huwa wkoll id-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà.»*

52. L-attur naqas li jħares saħħtu. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tqis li l-kumpanija li kienet tħaddem lill-attur ma kinitx mingħajr in-nuqqasijiet tagħha. Hekk kif qalet l-Ewwel Qorti kien jaqa' fuq il-prinċipal tal-attur li jassigura li l-impjegati tiegħu jingħataw ilbies protettiv u l-għodda u l-mezz ta' trasport tajjeb għax-xogħol li kellu jitwettaq. Biss però ladarba mhix

parti fil-kawża m'hemmx wisq x'wieħed jista' jżid dwar dan għaliex ikun biss eżerċizzju akkademiku u xejn aktar.

53. Jimmy Vella fix-xhieda tiegħu pprova jitfa' l-ħtija fuq il-konvenut Frendo meta huwa lanqas biss kien preżenti waqt l-inċident. Mhux hekk biss ma fissirx kif il-ħaddiema tiegħu ntbagħtu biex ipoġġu pjanċi fuq pont f'Manoel Island mingħajr ma pprova *forklifter* jew għamel l-arranġamenti meħtieġa biex isibu *forklifter* li seta' jitħaddem mill-ħaddiem tiegħu fl-aħħar mill-aħħar.

54. Għalkemm l-appellant jgħid li tfisser minn bosta x'inhu l-aktar metodu sigur biex tintrabat pjanċa ta' dak id-daqs u toqol ma jirriżultax li tressaq xi espert fil-materja. Li hemm fil-proċess hija x-xhieda ta' Pawlu Ciantar, li s-sengħa tiegħu huwa mekkanik, u tal-istess attur li naturalment hekk se jgħid sabiex isostni l-verżjoni tiegħu. Ix-xhieda ta' Jimmy Vella lanqas ma tista' titqies li hija xhieda newtrali.

55. Barra minn hekk, Ciantar u Vella jixhdu li ġarrew it-tieni pjanċa huma stess bl-istess *forklifter* u ma ġara xejn. Jekk dan seħħ verament, qajla jista' jkun ta' għajnuna għall-każ tal-attur biex tinxteħet responsabbiltà fuq il-konvenut Frendo. X'ġara wara mhux daqstant importanti għaliex dak li huwa importanti huwa x'kienet il-kawża tal-inċident li fih b'sogħba ndarab l-attur.

56. Għalhekk jirriżulta li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda li setgħet raġonevolment tasal għaliha. L-appellant ma jgħidx sewwa li l-Ewwel Qorti kellha tgħid kif kellha tintrabat sew il-pjanċa. Xogħol il-qorti kien li tgħarbel il-provi u tqis min kien responsabbli għal dak li seħħ. Kien jaqa' fuq spallejn l-attur li jressaq il-prova ta' kif inhu l-aħjar mod sigur kif kellha tintrabat iċ-ċinga f'każ bħal dak tal-lum. Dak li kien ovvju għall-Ewwel Qorti u għal din il-Qorti huwa li huwa minn ewl id-dinja li biex oġġett tqil u ta' dak id-daqs jinżamm sod u ma jiżżerżaqx irid ikollu rbit tajjeb, idealment b'għoqiedi biex il-pjanċa tinżamm dritta u mhux angolata u b'hekk ma tiżżerżaqx kif ġieb u laħaq.

57. Għaldaqstant l-ewwel tliet aggravji se jiġu miċħuda.

58. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, m'hemmx għalfejn jitqies l-aħħar aggravju tal-appellant li jirrigwarda d-danni li fil-fehma tiegħu kellhom jiġu likwidati favurih.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' John Azzopardi u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż jinġarru mill-attur.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss